TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 59/12/GZ

**Alfred Camilleri**

**vs**

**World Bargains**

Illum 12 ta' Novembru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-22 ta' Frar, 2012 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' erbgha u hamsin Ewro u ghoxrin centezmu (€54.20), rapprezentanti l-prezz ta' siggu, li huwa xtara minghand is-socjeta' ntimata, liema siggu kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien xtara siggu minghand is-socjeta' ntimata, pero' tali siggu kien diffettuz. Ghalhekk huwa kien ghamel ilment mas-socjeta' ntimata, fejn halla s-siggu ghand l-istess socjeta' ntimata sabiex issewwieh. Fil-ghaxija kien ircieva telefonata minghand is-socjeta' ntimata fejn hija qaltlu biex imur ghandha u jiehu siggu ghall-uzu temporanju sakemm jissewwa s-siggu tieghu. L-ghada, r-rikorrent kien mar ghand is-socjeta' ntimata ghal dan l-iskop, fejn gie nformat illi seta' jiehu s-siggu tieghu lura ghaliex kien tajjeb, pero' fil-fatt is-siggu kien baqa' difettuz.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Ir-rikorrent ezebixxa kopja ta' l-ircevuta datata 12 ta' Ottubru 2011, ghall-ammont ta' hamsa u erbghin Ewro (€45.00).

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrent, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata naqqset fis-servizz taghha lejn ir- rikorrent konsumatur, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrent in parte, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' hamsa u erbghin Ewro (€45.00) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**